DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1474

tat-8 ta' Ġunju 2017

li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mal-objettivi speċifiċi għall-abbozzar, l-adozzjoni u r-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà

(notifikata bid-dokument C(2017) 3800)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

(1) Għalkemm l-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2016/797 jistabbilixxi l-kontenut u xi objettivi ġenerali tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà ("TSIs"), dik id-Direttiva ma tistabbilixxix l-objettivi speċifiċi għal kull TSI iżda tawtorizza lill-Kummissjoni tadotta atti delegati għal dak l-għan.

(2) Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi sett koerenti ta' objettivi speċifiċi li jeħtieġ ikunu integrati fit-TSIs sabiex itejbu l-interoperabbiltà filwaqt li tagħmel possibbli l-faċilitazzjoni, it-titjib u l-iżvilupp tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju fl-Unjoni u ma' pajjiżi terzi u tikkontribwixxi għat-tlestija taż-żona ferrovjarja unika Ewropea u l-kisba progressiva tas-suq intern.

(3) Dawk l-objettivi speċifiċi fit-TSIs jeħtieġ ikunu implimentati permezz ta' talbiet lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (l-"Aġenzija") skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797. Dawk it-talbiet jeħtieġ ikunu bbażati fuq il-prijoritajiet tal-Kummissjoni nfisha u fuq id-disponibbiltà ta' riżorsi fi ħdan l-Aġenzija. Għal kull objettiv speċifiku, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija jeħtieġ jinkludu l-analiżijiet tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u valutazzjonijiet tal-impatt tas-soluzzjonijiet tekniċi kkunsidrati biex jippermettu lill-Kummissjoni tagħżel l-aktar soluzzjonijiet vijabbli u tistabbilixxi t-TSIs permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51(3) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

(4) F'termini ta' ambitu ta' applikazzjoni, it-TSIs eżistenti jkopru b'mod sodisfaċenti s-subsistemi definiti fl-Anness II għad-Direttiva (UE) 2016/797. Madankollu, f'konformità mal-prinċipji ta' "regolamentazzjoni aħjar", sabiex jitnaqqas in-numru ta' atti leġiżlattivi u sabiex tkompli tiżdied il-koerenza bejn it-TSIs, l-ambitu ta' TSIs speċifiċi jeħtieġ ikun rivedut u possibbilment uħud minnhom jeħtieġ ikunu strutturati mill-ġdid jew magħqudin sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni u sabiex tinkiseb korrispondenza aktar diretta bejn is-subsistemi, ir-rekwiżiti essenzjali u t-TSIs. Dan jeħtieġ jieħu inkonsiderazzjoni l-istabilità meħtieġa fil-leġiżlazzjoni ferrovjarja.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-leġiżlazzjoni, l-impatti possibbli u l-interfaċċi bejn it-TSIs u bejn it-TSIs u l-istrateġiji, jeħtieġ jiġu kkunsidrati l-politiki u l-leġiżlazzjoni eżistenti. Jeħtieġ ikun ikkunsidrat ukoll jekk is-soluzzjonijiet proposti, jew elementi speċifiċi, jeħtieġ ikunu inklużi fit-TSI infisha jew f'dokumenti u leġiżlazzjoni relatati. Barra minn hekk, kull fejn huwa possibbli, it-TSIs jeħtieġ jippreservaw id-dispożizzjonijiet tat-TSI li jneħħu l-ostakli tekniċi għall-interoperabbiltà, b'mod partikolari dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw il-moviment liberu ta' vetturi madwar l-Unjoni.

(6) Ir-reviżjonijiet tat-TSIs jeħtieġ jieħdu inkonsiderazzjoni l-esperjenza tas-settur ferrovjarju f'rekwiżiti mhux ċari jew impatti oħrajn mhux intenzjonati u spejjeż li jirriżultaw mit-TSIs, inkluż b'mod partikolari l-esperjenza ta' Kurituri tal-Merkanzija bil-Ferrovija jew esperjenzi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tat-TSIs fil-linji ta' densità baxxa.

([1]) ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

(7) Ir-reviżjonijiet tat-TSIs jeħtieġ jieħdu inkonsiderazzjoni wkoll il-ħtieġa li jinkiseb il-bilanċ ġust bejn approċċ ibbażat fuq ir-regoli, li jippermetti l-faċilitazzjoni tal-kompatibbiltà teknika b'mod partikolari fl-interfaċċi bejn is-subsistemi, iżda wkoll bejn il-kostitwenti tal-interoperabbiltà u s-subsistemi, u approċċ ibbażat fuq ir-riskju, li jippermetti l-faċilitazzjoni tal-progress tekniku u ta' soluzzjonijiet innovattivi, b'mod partikolari meta jiġu speċifikati l-funzjonijiet u l-prestazzjonijiet.

(8) Ir-reviżjonijiet tat-TSIs jeħtieġ jieħdu inkonsiderazzjoni l-iżviluppi tas-sistema ferrovjarja u l-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni, b'mod partikolari iżda mhux biss ix-Shift2Rail, iżommu marġini ta' manuvra għall-innovazzjoni, u jintegraw innovazzjonijiet meta jilħqu livell xieraq ta' maturità determinata mill-Aġenzija.

(9) F'termini tal-koerenza teknika tan-netwerks ferrovjarji tal-wisa' ta' 1 520 mm bejn il-linji fl-Unjoni u ta' vetturi operati f'dawk in-netwerks, it-TSIs rilevanti jeħtieġ jieħdu inkonsiderazzjoni l-evoluzzjoni ta' rekwiżiti tekniċi applikabbli fin-netwerks tal-wisa' ta' 1 520 mm bejn il-linji ta' pajjiżi terzi.

(10) Sabiex jiffaċilitaw il-promozzjoni tagħhom u l-adozzjoni possibbli barra l-Unjoni, u sabiex jiffaċilitaw l-iskambju bejn netwerks ta' pajjiżi terzi u l-Unjoni, it-TSIs jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet volontarji li jieħdu inkonsiderazzjoni rekwiżiti komuni f'żoni ġeografiċi oħrajn, pereżempju tagħbijiet fuq il-fus ogħla għall-ferroviji tqal.

(11) Sabiex jippermettu li t-TSIs ilaħħqu mal-iżviluppi fl-istandards u dokumenti tekniċi oħrajn, it-TSIs jeħtieġ jintegraw referenzi għal dawk id-dokumenti b'mod li jagħmilha possibbli li jiġu aġġornati fil-pront filwaqt li jipprovdu għat-tranżizzjonijiet meħtieġa bejn l-istandards jew bejn verżjonijiet ta' standards.

(12) Skont l-Artikolu 4(3)(f) tad-Direttiva (UE) 2016/797, il-parti l-kbira tat-TSIs jinkludu klawżoli li jiddefinixxu l-istrateġija għall-applikazzjoni tagħhom sabiex issir transizzjoni gradwali mis-sitwazzjoni eżistenti għas-sitwazzjoni ta' konformità mat-TSI. Madankollu hemm konfużjoni fis-settur ferrovjarju dwar l-applikazzjoni konkreta ta' dawk il-klawżoli. L-istrateġiji għall-applikazzjoni jeħtieġ għalhekk jiġu riveduti u, safejn ikun possibbli u skont in-natura ta' kull TSI, jiġu ssimplifikati u jkunu konsistenti fid-diversi TSIs, b'mod speċjali t-TSIs relatati mal-materjal mobbli. Jeħtieġ tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li ssir applikazzjoni mħallta ta' TSI u tal-verżjoni preċedenti tagħha waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni. Barra minn hekk, il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati għall-kostitwenti tal-interoperabbiltà u s-subsistema jeħtieġ ikun definit fit-TSIs, u jeħtieġ ikunu konsistenti bejn it-TSIs.

(13) L-Artikolu 4(3)(h) tad-Direttiva (UE) 2016/797 jippermetti li t-TSIs jinkludu dispożizzjonijiet applikabbli għas-subsistemi u vetturi eżistenti, b'mod partikolari fil-każ ta' mmodernizzar u tiġdid tagħhom. Dawk id-dispożizzjonijiet jistgħu joħolqu inċertezza legali f'każ ta' awtorizzazzjonijiet diġà maħruġa, għaldaqstant jeħtieġ tingħata attenzjoni partikolari għall-analiżi preliminari tal-ispejjeż u l-benefiċċji relatati u għad-definizzjoni tax-xogħlijiet ta' tibdil li jeħtieġu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ġdida.

(14) Sabiex tiġi assigurata l-effiċjenza fil-proċessi ta' tqegħid fis-suq u t-thaddim tal-vetturi, it-TSIs jeħtieġ jipprovdu ċertezza fuq liema parametri ta' vettura jeħtieġ jiġu ċċekkjati bħala parti mill-proċeduri ta' awtorizzazzjoni skont l-Artikoli 21 u 24 tad-Direttiva (UE) 2016/797 u fuq liema parametri jeħtieġ ikunu kkontrollati mill-impriżi ferrovjarji wara l-għoti tal-awtorizzazzjoni tal-vettura għat-tqegħid fis-suq u qabel l-ewwel użu tal-vettura sabiex tiġi assigurata l-kompatibbiltà bejn il-vetturi u r-rotot li fuqhom iridu jitħaddmu. It-TSIs jeħtieġ jiċċaraw ukoll il-proċeduri li l-impriżi ferrovjarji jridu jsegwu sabiex jassiguraw il-kompatibbiltà bejn il-ferroviji kompluti, inklużi l-unitajiet ta' trasport intermodali, u r-rotot li jridu jitħaddmu fuqhom kif ukoll, safejn huwa possibbli, l-informazzjoni li trid tingħata mill-maniġers tal-infrastruttura u l-kundizzjonijiet li taħthom, l-impriżi ferrovjarji jeħtieġ jingħataw aċċess għan-netwerk sabiex iwettqu t-testijiet relatati.

(15) Minbarra r-rekwiżiti tal-Artikolu 5(2)(a) tad-Direttiva (UE) 2016/797 dwar l-identifikazzjoni tal-parametri bażiċi u ta' interfaċċi bejn is-subsistemi, it-tabelli tat-TSIs li jelenkaw il-konnessjonijiet bejn il-parametri bażiċi u r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva (UE) 2016/797 ukoll jeħtieġ ikunu aġġornati sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti fost it-TSIs kollha.

(16) Il-modularità tas-sistema ferrovjarja jeħtieġ tittejjeb sabiex is-sostituzzjoni waqt il-manutenzjoni ssir bla xkiel, jinkisbu ekonomiji ta' skala u jonqsu l-ispejjeż tal-manutenzjoni u l-obsolexxenza. Għal dan il-għan, in-numru ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà jeħtieġ ikun rivedut u miżjud fejn xieraq, biex b'hekk jiġi mħeġġeġ l-użu ta' prodotti u parts tal-bdil kummerċjali mill-ħwienet u jitgawdew il-benefiċċji tal-istandardizzazzjoni.

(17) In-notifika lil korpi tal-valutazzjoni tal-konformità tqiegħed piż amministrattiv konsiderevoli fuq l-Istati Membri u fuq il-Kummissjoni. Sabiex tiżdied l-effiċjenza u jonqos id-dewmien, jeħtieġ tiġi proposta proċedura ssimplifikata għal notifiki oħrajn jekk ikunu meħtieġa ftit kompetenzi jew jekk ma tkun meħtieġa ebda kompetenza

minn korp ta' valutazzjoni tal-konformità li diġà jkun ġie nnotifikat għal verżjoni preċedenti ta' TSI. Sabiex tiġi evitata l-inċertezza, kull TSI jeħtieġ tispeċifika jekk il-proċedura għan-notifika tridx tiġi segwita kollha jew jekk in-notifika tistax tkun estiża b'mod awtomatiku għat-TSI riveduta jew jekk tistax tiġi applikata proċedura ssimplifikata u taħt liema kundizzjonijiet.

(18) Peress li f'ċerti każijiet id-deskrizzjoni tar-rwoli u tar-responsabbiltajiet bejn l-applikant u l-korpi nnotifikati mhijiex eżatta biżżejjed, u dan iwassal għal konfużjoni u għal interpretazzjonijiet u implimentazzjoni diverġenti tal-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà u tas-subsistemi, dawk il-proċeduri jeħtieġ ikunu riveduti u b'mod parallel, il-Kummissjoni jeħtieġ tadotta atti ta' implimentazzjoni li jirrevedu l-moduli *ad hoc* għall-valutazzjoni tal-konformità, f'konformità mal-Artikolu 24(6) tad-Direttiva (UE) 2016/797. Barra minn hekk, il-firxa ta' moduli permessi għal kull kostitwent tal-interoperabilità u subsistema jeħtieġ tkun riveduta u, jekk ikun possibbli, simplifikata sabiex titjieb l-effiċjenza tal-proċedura u jiġu evitati spejjeż żejda.

(19) Meta jiġu kkunsidrati soluzzjonijiet possibbli għal kwistjonijiet relatati mas-sikurezza, jeħtieġ jitqiesu l-kawżi kollha possibbli ta' dawk il-kwistjonijiet, fosthom, safejn ikun possibbli, dawk relatati mal-inċidenti tas-sikurezza, pereżempju s-sikurezza tal-passiġġieri wara xi splużjoni.

(20) Is-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju ("ERTMS"), l-applikazzjonijiet telematiċi għall-passiġġieri ("TAP") u l-applikazzjonijiet telematiċi għall-merkanzija ("TAF") huma s-sinsla tad-diġitalizzazzjoni ferrovjarja. Għaldaqstant, it-TSIs rilevanti jeħtieġ jiġu emendati fejn xieraq biex jappoġġjaw id-diġitalizzazzjoni tas-settur ferrovjarju.

(21) Bosta TSIs għad għandhom punti miftuħin. Dawn il-punti miftuħin huma elementi li jikkorrispondu għal rekwiżiti essenzjali u b'hekk jeħtieġu li jiġu armonizzati, iżda għadhom mhumiex koperti mit-TSIs inkwistjoni. Għaldaqstant, dawk il-punti miftuħin jeħtieġ jiġu indirizzati sabiex jonqos in-numru ta' regoli nazzjonali, bl-objettiv li tinkiseb l-interoperabbiltà sħiħa u jikkontribwixxu għall-funzjonament tas-suq uniku.

(22) F'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2016/797, it-TSIs għandhom jiġu emendati jekk jinstab li għandhom xi defiċjenza.

(23) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 ([1]) ("LOC&PAS TSI") u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 ([2]) ("WAG TSI") jeħtieġ jiġu żviluppati aktar sabiex jassiguraw l-interoperabbiltà kontinwa filwaqt li tittejjeb l-attraenza u l-effettività tas-sistema ferrovjarja. Il-punti ewlenin li jeħtieġ jiġu żviluppati huma l-introduzzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifikament rilevanti għan-netwerks ferrovjarji tal-wisa' ta' 1 520 mm bejn il-linji, dispożizzjonijiet fakultattivi għall-iffaċilitar tal-kompożizzjoni tal-ferroviji tal-passiġġieri, inkluża l-kompatibbiltà b'lura mar-Regolamenti Internazzjonali għall-Vaguni ("RIC" — Regolamento Internazionale delle Carrozze), sistemi awtomatiċi ta' wisa' varjabbli, il-faċilità tal-aċċess tal-passiġġieri għall-vaguni, il-miżuri biex tiżdied il-produttività tal-merkanzija bil-ferrovija bħas-sistemi awtomatiċi ta' trazzjoni u identifikazzjoni armonizzata għall-vaguni tal-merkanzija. Jeħtieġ jiġu kkunsidrati wkoll miżuri biex tittejjeb il-protezzjoni tas-sewwieqa tal-ferroviji, li jinkludu l-kontroll tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għas-sewwieqa tal-ferroviji, id-disinn tal-kabina tas-sewqan u r-rekwiżiti korrispondenti b'attenzjoni partikolari fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u s-sigurtà operattiva, inkluża l-kwistjoni tal-ħoss fil-kabina.

(24) Ir-Regolamenti dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluży bil-Ferrovija ("RID") ([3]) huma stabbiliti fuq it-territorju tal-Unjoni Ewropea permezz tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). Il-Kumitat ta' Esperti dwar l-RID introduċa dispożizzjoni fir-Regolament RID tal-2013 li tippermetti l-installazzjoni volontarja ta' apparat ta' detezzjoni ta' deraljament fuq il-vaguni tal-merkanzija. Abbażi ta' diversi studji fuq l-ispejjeż u l-benefiċċji ta' dak l-apparat, il-grupp ta' ħidma mwaqqaf mill-Kumitat RID irrakkomanda li l-Kummissjoni tirrevedi t-TSIs kollha rilevanti sabiex jinkludu l-funzjoni ta' detezzjoni tad-deraljament f'termini ta' rekwiżiti tekniċi, aspetti operazzjonali u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ([5]). Jeħtieġ jiġu studjati wkoll dispożizzjonijiet kemm rigward il-vetturi ferrovjarji kif ukoll l-infrastruttura sabiex jonqsu l-impatti tas-sikurezza fuq il-persuni u l-ambjent f'każ ta' deraljament, waqt li jiġu kkunsidrati r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti. B'mod partikolari, l-oġġetti sporġenti fit-truf tal-binarji, bħall-markaturi tal-linji li jistgħu jtaqqbu t-tankijiet li jġorru oġġetti perikoluży f'każ ta' inċident, għandhom jiġu evitati jew jeħtieġ jiġu adottati miżuri oħrajn ta' mitigazzjoni.

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema tal-"Vetturi ferrovjarji — lokomottivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni 2006/861/KE (ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1)

([3]) L-Appendiċi C tal-Konvenzjoni dwar it-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) konkluża f'Vilnius fit-3 ta' Ġunju 1999, kif emendat.

([4]) Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikoluży (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

([5]) L-Anness II għar-Rapport tal-Ħames Sessjoni tal-grupp ta' ħidma tal-Kumitat ta' Esperti dwar l-RID rigward id-detezzjoni tad-deraljament (OTIF/RID/CE/GTDD/2016-A, Berne, id-19 u l-20 ta' April 2016).

(25) Rigward ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014 ([1]) ("NOI TSI"), l-esperti ġeneralment jaqblu li wieħed mill-modi l-aktar effettivi biex jittaffa l-ħoss tal-linji huwa billi l-vaguni tal-merkanzija eżistenti jiġu mgħammra bi blokok tal-brejk komposti. Din is-soluzzjoni teknika tnaqqas il-ħoss tal-linji bi kważi 10 dB li huwa ugwali għal tnaqqis ta' 50 % f'ħoss li jinstema' mill-bniedem. Għaldaqstant, sabiex jiġi indirizzat il-ħoss tal-merkanzija ferrovjarja, il-vaguni tal-merkanzija eżistenti jeħtieġ ikunu mgħammra bi blokok tal-brejk komposti, jew jeħtieġ jiġu adottati soluzzjonijiet xierqa oħrajn. Tista' tiġi kkunsidrata l-implimentazzjoni gradwali ta' dawn is-soluzzjonijiet b'mod li jittieħed kont tal-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom.

(26) Sabiex tiġi aġġustata d-diskrepanza li tirriżulta minn reviżjoni tal-WAG TSI, l-NOI TSI jeħtieġ jinkludi test tal-ħoss ta' blokok tal-brejk komposti sabiex jindirizza l-ħoss tal-merkanzija ferrovjarja, inkluż fejn meħtieġ permezz ta' monitoraġġ tul il-binarji jew, jekk ikun possibbli, permezz tal-ittestjar akustiku tal-blokok tal-brejk komposti f'test qabel l-użu.

(27) Il-Pjan Ewropew ta' Mobilitazzjoni tal-ERTMS ([2]) ġie adottat fil-5 ta' Jannar 2017 skont l-Artikolu 47 tal-linji gwida TEN-T u huwa applikabbli għall-Kurituri Ċentrali tan-Netwerk. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 ([3]) ("CCS TSI") jeħtieġ ikun aġġustat sabiex jipprovdi mobilitazzjoni koerenti tal-ERTMS tul in-netwerk ferrovjarju fi ħdan l-Unjoni, waqt li jiġi kkunsidrat il-Pjan Ewropew ta' Mobilitazzjoni tal-ERTMS.

(28) Ir-rapport dwar il-Perspettiva fit-Tul tal-ERTMS adottat mill-Aġenzija fit-18 ta' Diċembru 2015 ([4]) mas-settur jidentifika elementi teknoloġiċi essenzjali li jappoġġjaw il-każ tan-negozju tal-ERTMS. Dawk l-elementi jinkludu l-Operazzjoni Awtomatika tal-Ferroviji, Livell 3, l-ottimizzazzjoni tal-kurva tal-ibbrejkjar, ġenerazzjoni ġdida ta' sistema ta' telekomunikazzjoni u l-pożizzjonament tas-satellita. L-ispeċifikazzjonijiet tal-ETCS u tal-GSMR jeħtieġ jieħdu dawk l-elementi inkonsiderazzjoni u jeħtieġ jiġu mmodifikati kif xieraq filwaqt li tiġi kkunsidrata l-istabilità meħtieġa tal-ERTMS. L-impatt fuq TSIs oħrajn jeħtieġ jiġi kkunsidrat.

(29) Minħabba l-użu akbar ta' lokomotivi mqabbda u unitajiet multipli, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 ([5]) ("ENE TSI") jeħtieġ jiġi rivedut fir-rigward tar-rekwiżiti f'każ ta' operazzjoni simultanja ta' pantografi multipli f'kuntatt ma' linji ta' kuntatt sospiżi li jirriżultaw mill-użu ta' vetturi bħal dawn. Jeħtieġ jiġu kkunsidrati wkoll kwistjonijiet operazzjonali relatati. L-ENE TSI u TSIs oħrajn jeħtieġ jinkludu wkoll, fejn xieraq, dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata interoperabbiltà kontinwa filwaqt li tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija tas-subsistemi rilevanti.

(30) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 ([6]) ("INF TSI") jeħtieġ jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw l-interoperabbiltà kontinwa filwaqt li jippermettu t-tnaqqis tal-ispejjeż ta' manutenzjoni tal-infrastruttura permezz tal-użu, fost l-oħrajn, ta' manutenzjoni bbażata fuq iż-żmien, sensers u teknoloġiji li jimmonitorjaw il-kundizzjoni.

(31) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 ([7]) ("PRM TSI") jeħtieġ jiġi aġġornat sabiex jinkludi l-aħħar żviluppi f'dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni u l-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-aċċessibbiltà u l-monitoraġġ tal-progress tal-aċċessibbiltà, f'konformità mal-Artikolu 7(3) dwar l-inventarju tal-assi u l-Artikolu 8(5) u (7) dwar il-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014. Jistgħu jiġu identifikati wkoll prijoritajiet Ewropej komuni fuq il-bażi tal-Pjanijiet ta' Implimentazzjoni Nazzjonali sabiex titkompla l-implimentazzjoni tal-PRM TSI. Dan jeħtieġ jinkludi rieżami tas-soluzzjonijiet strutturali permanenti li jistgħu jkunu meħtieġa fil-vaguni tal-passiġġieri sabiex ikun żgurat aċċess ugwali għal servizzi addizzjonali għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, fosthom b'mod partikolari l-aċċess għall-vaguni ristoranti.

(32) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE ([8]) ("OPE TSI") jeħtieġ tkun soġġetta għal monitoraġġ regolari, u fejn iġġustifikat għandha tkun riveduta, biex ikun żgurat li tkompli tkun aġġornata u tipprovdi armonizzazzjoni u sigurtà u interoperabbiltà ottimali tar-rekwiżiti operattivi fil-livell tal-interfaċċa bejn l-impriża ferrovjarja u

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji — storbju" li temenda d-Deċiżjoni 2008/232/KE u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/229/UE (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 421).

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/6 tal-5 ta' Jannar 2017 dwar il-pjan Ewropew ta' mobilitazzjoni għas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ĠU L 3, 6.1.2017, p. 6).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/919 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema tal-"kontroll-kmand u sinjalazzjoni" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 158, 15.6.2016, p. 1).

([4]) L-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, ERA-REP-150 tat-18 ta' Diċembru 2015.

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mas-sottosistema tal-"enerġija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 179).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mas-sottosistema tal-"infrastruttura" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 1).

([7]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabbiltà relatati mal-aċċessibbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 110).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/757/UE tal-14 ta' Novembru 2012 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "tal-operat u l-immaniġġjar tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li temenda d-Deċiżjoni 2007/756/KE (ĠU L 345, 15.12.2012, p. 1).

l-maniġers tal-infrastruttura, b'mod partikolari fil-każ ta' operazzjonijiet transkonfinali. Jeħtieġ tqis ukoll l-iżviluppi relatati (i) mal-elementi teknoloġiċi essenzjali tal-ERTMS sabiex tappoġġja l-każ tan-negozju tal-ERTMS imsemmi fil-Premessa (28); (ii) mal-kultura tas-sikurezza u l-fatturi umani; u (iii) mal-kompatibbiltà tal-ferrovija/tar-rotta.

(33) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija biex toħroġ rakkomandazzjonijiet relatati mad-definizzjoni ta' ħiliet u kwalifiki għall-persunal kollu li jwettaq kompiti kritiċi għas-sikurezza u mal-inklużjoni tagħhom fl-OPE TSI jew f'leġiżlazzjoni oħra rilevanti. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ma jeħtiġx ikopru biss lis-sewwieqa tal-ferroviji, iżda wkoll lil persunal ieħor abbord li jkollu kompiti relatati mas-sikurezza u li jista' jkun jeħtieġ taħriġ speċifiku, u persunal involut fit-tħaddim u fil-manutenzjoni tas-sistema ferrovjarja.

(34) Wara l-introduzzjoni tar-rekwiżiti dwar il-punti tat-tifi tan-nar għall-ġestjoni ta' inċidenti ta' ħruq fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1303/2014 ([2]) ("SRT TSI") u minħabba l-feedback relatat mas-settur, ir-rekwiżiti operazzjonali tal-SRT TSI jeħtieġ jiġu riveduti bl-objettiv li tiġi armonizzata l-valutazzjoni tal-kapaċità ta' evakwazzjoni, pereżempju b'rabta mad-distanza bejn żewġ punti ta' ħruġ laterali jew vertikali. Il-ħtieġa li jiġu inklużi dispożizzjonijiet biex tiġi assigurata l-komunikazzjoni bejn il-persunal abbord minn naħa u l-maniġer tal-infrastruttura u s-servizzi tal-emerġenza min-naħa l-oħra jeħtieġ tiġi vvalutata wkoll u fejn xieraq jiddaħħlu dispożizzjonijiet relatati.

(35) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 ([3]) ("TAF TSI") jeħtieġ jinkludi informazzjoni li tiffaċilita l-iskambju tal-vaguni, it-trasport ikkombinat jew multimodali, l-iżvilupp tal-kuriduri tal-merkanzija ferrovjarja u r-rapportar tal-okkorrenzi, waqt li jiġu kkunsidrati r-rabtiet ma' għodod relatati oħrajn. Dan jeħtieġ jinkludi proċedura simplifikata għall-aġġornament tal-linja bażi teknika tat-TAF TSI skont il-proċess ta' Ġestjoni ta' Kontroll tat-Tibdil tat-TAF TSI imsemmi fit-Taqsima 7.2 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1305/2014. Barra minn hekk, jeħtieġ isir studju dwar il-possibbiltà li tiġi skambjata data tat-TAF TSI ma' applikazzjonijiet relatati mas-sigurtà, pereżempju fil-każ ta' oġġetti perikoluži jew konsenji eċċezzjonali. It-TSI jeħtieġ tiġi emendata wkoll biex tippermetti lill-Aġenzija tevalwa l-konformità tal-għodod tal-IT użati mis-settur ferrovjarju Ewropew mar-rekwiżiti tat-TSI. Barra minn hekk, it-Taqsima 2.3.2 tal-Anness għar-Regolament (UE) Nru 1305/2014 li teżiġi li l-ftehimiet kuntrattwali għal impriżi ferrovjarji ewlenin jipprovdu informazzjoni lill-partijiet ikkonċernati tista' tkun ta' xkiel għad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji u għalhekk jeħtieġ tkun riveduta.

(36) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 ([4]) ("TAP TSI") jeħtieġ ikun rivedut sabiex ikompli jiffaċilita l-użu ta' sistema diġitali ta' biljetti inkluż il-kontroll u l-ħlas ta' pagamenti bejn il-parteċipanti, b'mod speċjali fid-dawl tal-iżvilupp tal-inizjattiva "Mudell ta' Servizz Sħiħ" immexxija mill-industrija. It-TSI jeħtieġ ukoll tqis ir-reviżjonijiet tal-PRM TSI u Talbiet ta' Tibdil xierqa permezz tal-proċess stabbilit ta' Ġestjoni ta' Kontroll tat-Tibdil tat-TAP TSI. Is-sehem tal-kompiti relatati mal-ġestjoni tal-istrutturi ċentralizzati tad-data jeħtieġ jiġi rivedut biex iqis il-kompiti u r-responsabbiltajiet il-ġodda tal-Aġenzija bħala awtorità tas-sistema u l-korp ta' governanza definit fid-Dokument dwar il-Governanza tat-TAP ([5]) u stabbilit mis-settur bl-objettiv li jħaffu l-implimentazzjoni tat-TAP TSI. Jeħtieġ isir ukoll titjib biex tiġi ffaċilitata l-feġġa ta' sistemi ta' bejgħ ta' biljetti globali u ta' informazzjoni tal-ivvjaġġar multimodali, l-aktar permezz tal-aċċess għal data tal-ivvjaġġar bil-ferrovija rilevanti u l-iskambju tiegħu ma' partijiet ikkonċernati tul il-katina tal-valur multimodali. Barra minn hekk, it-TAP-TSI jeħtieġ jimmira li jiffaċilita l-emerġenza ta' servizzi ta' mobilità integrati. It-TSI jeħtieġ tiġi emendata wkoll biex tippermetti lill-Aġenzija tevalwa l-konformità tal-għodod tal-IT użati mis-settur ferrovjarju Ewropew mar-rekwiżiti tat-TSI,

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1303/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-"sikurezza fil-mini ferrovjarji" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 394).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 62/2006 (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 438).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11).

([5]) Id-Dokument B.61 imsemmi fl-Anness V tat-TAP TSI.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-suġġett u l-kamp ta' applikazzjoni

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-objettivi speċifiċi li għandhom jiġu żviluppati speċifikazzjonijiet tekniċi ġodda għall-interoperabbiltà ("TSIs") skonthom, jew li għandhom jiġu emendati t-TSIs eżistenti skonthom.

Artikolu 2

Kompiti tal-Aġenzija

Fit-tfassil tat-TSIs u tal-emendi tagħhom fuq talbiet tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva (UE) 2016/797, l-Aġenzija għandha ssegwi l-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikoli 3 sa 14 ta' din id-Deċiżjoni.

L-Aġenzija għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni wara li tqis l-istima tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-objettivi speċifiċi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Artikolu 3

Objettivi speċifiċi komuni

1. It-TSIs għandhom ikopru s-sistema ferrovjarja kollha tal-Unjoni b'mod li jevita d-duplikazzjoni, jipprovdi korrispondenza diretta bejn is-subsistemi, rekwiżiti essenzjali u TSIs, u jippermetti definizzjoni koerenti tal-istrateġiji għall-applikazzjoni tat-TSIs.

Għal dan il-għan, għandhom jiġu żviluppati xenarji possibbli differenti u valutazzjonijiet tal-impatt korrispondenti.

2. L-ambitu ġeografiku u tekniku ta' kull TSI għandu jiġi rivedut biex iqis ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) sa (5) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

3. It-TSIs għandhom jiġu riveduti fejn xieraq biex jiġi żgurat il-bilanċ ġust bejn approċċi bbażati fuq ir-regoli u approċċi bbażati fuq ir-riskju.

4. Il-korrispondenza bejn il-parametri bażiċi u r-rekwiżiti essenzjali korrispondenti għandha tkun riveduta għal kull TSI kif ukoll l-interfaċċi mas-sistemi l-oħrajn.

5. Fejn xieraq, it-TSIs għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li:

(a) iqisu l-impatt possibbli fuq TSIs oħrajn u interfaċċi magħhom u mal-istrateġiji rilevanti eżistenti, mal-politiki u mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, u jiżguraw koerenza bejniethom. Kull meta jkun possibbli, it-TSIs għandhom iżommu d-dispożizzjonijiet fis-seħħ intiżi sabiex ineħħu l-ostakli tekniċi għall-interoperabbiltà;

(b) iqisu l-iżviluppi tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u l-attivitajiet relatati ta' riċerka u ta' innovazzjoni, u jintegrawhom meta jilħqu l-livell xieraq ta' maturità;

(c) jagħlqu l-punti miftuħin li fadal;

(d) iqisu l-evoluzzjoni ta' rekwiżiti tekniċi applikabbli fin-netwerks tal-wisa' ta' 1 520 mm bejn il-binarji ta' pajjiżi terzi;

(e) jarmonizzaw id-definizzjonijiet, minbarra dawk elenkati fid-Direttiva (UE) 2016/797, bejn it-TSIs;

(f) jintegraw referenzi għal standards u għal dokumenti tekniċi oħrajn li jevolvu regolarment b'mod li jippermetti l-aġġornament tagħhom fil-pront;

(g) jirrevedu n-numru ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà u, fejn xieraq, iżiduh;

(h) jindikaw jekk il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li diġà ġew innotifikati fuq il-bażi ta' verżjoni preċedenti tat-TSI, jeħtiġux li jiġu nnotifikati mill-ġdid, u jekk għandhiex tiġi applikata proċedura simplifikata ta' notifika. Fi kwalunkwe każ, il-kundizzjonijiet relatati applikabbli għandhom ikunu speċifikati;

(i) iqisu l-aħjar prattika tas-settur u jirrevedu l-għażla tal-moduli preskritti fil-proċeduri għall-valutazzjoni tal-konformità tal-kostitwenti tal-interoperabbiltà u tas-subsistemi;

(j) inaqqsu r-riskju tad-deraljament kif ukoll l-impatt tas-sikurezza fuq in-nies u l-ambjent f'każ ta' deraljament;

(k) fl-ikkunsidrar ta' soluzzjonijiet possibbli għal kwistjonijiet relatati mas-sikurezza, iqisu l-kawżi kollha possibbli ta' dawk il-kwistjonijiet fosthom, sa fejn huwa possibbli, dawk marbuta mal-inċidenti tas-sikurezza, mingħajr ma jikkompromettu s-sigurtà jew l-interoperabbiltà;

(l) itejbu l-effiċjenza enerġetika tas-subsistemi rilevanti.

6. It-TSIs relatati mas-sistemi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għandhom iqisu rekwiżiti ta' arkitettura ta' sors miftuħ u ta' data miftuħa.

7. L-applikazzjoni tal-moduli għall-valutazzjoni tal-konformità ta' kostitwenti tal-interoperabbiltà u tas-subsistemi, inklużi reviżjonijiet possibbli tal-kontenut tal-kapitoli rilevanti tat-TSIs kif ukoll il-ħtieġa ta' moduli ad hoc ġodda jew riveduti jew il-migrazzjoni lejn il-moduli standard stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) għandhom jiġu ċċarati. Għal dak l-objettiv għandu jsir studju li jistabbilixxi:

(i) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati involuti fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità;

(ii) ambitu estiż li jinkludi wkoll il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità relatati mar-regoli tekniċi nazzjonali notifikati;

(iii) l-elementi tal-proċeduri msemmija fil-punt (ii), inkluż il-kontenut tal-fajl tekniku, u s-sekwenzjar tal-istadji tal-valutazzjoni;

(iv) il-mudelli ta' ċertifikati ta' verifika u l-perjodu ta' validità tagħhom fil-każ taċ-ċertifikazzjoni skont it-TSI rilevanti jew ir-regoli nazzjonali;

(v) il-kundizzjonijiet li taħthom il-kostitwenti tal-interoperabbiltà jistgħu jiġu ċċertifikati skont it-TSIs revokati;

(vi) l-elementi tas-sorveljanza u l-awditi tat-tiġdid fejn tapplika l-valutazzjoni bbażata fuq is-sistema/i ta' ġestjoni tal-kwalità, inklużi l-kundizzjonijiet li taħthom għandhom isiru żjarat għall-għarrieda tal-post tal-applikant.

Artikolu 4

Objettivi speċifiċi applikabbli għal-LOC&PAS TSI

1. Id-dispożizzjonijiet dwar sistemi awtomatiċi ta' wisa' varjabbli tar-Regolament (UE) Nru 1302/2014 ("LOC&PAS TSI"), inkluż f'termini ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, għandhom jiġu rieżaminati.

2. Id-dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-aċċess tal-passiġġieri għall-vaguni tal-passiġġieri għandhom ikunu inklużi fejn xieraq fil-LOC&PAS TSI, waqt li jqisu l-interfaċċi mal-infrastruttura.

3. Il-LOC&PAS TSI għandu jinkludi modalitajiet fakultattivi li jiffaċilitaw:

(a) l-awtorizzazzjoni tal-vetturi fl-erjas kbar li jintużaw fihom; u

(b) il-kompożizzjoni tal-ferroviji tal-passiġġieri, inkluża l-kompatibbiltà b'lura mar-Regolamenti Internazzjonali dwar il-Vaguni ("RIC" — Regolamento Internazionale delle Carrozze).

4. Fejn ikun xieraq għandhom jiġu inklużi rekwiżiti għal protezzjoni mtejba tas-sewwieqa tal-ferroviji fil-LOC&PAS TSI f'termini ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol kif ukoll ta' sigurtà operazzjonali. Għandhom jiġu definiti speċifikazzjonijiet għall-għodod għall-kontroll tal-ħinijiet tas-sewqan u tal-mistrieħ għas-sewwieqa tal-ferroviji.

5. L-LOC&PAS TSI għandu jqis il-bidliet fil-proċedura għat-tqegħid fis-suq ta' subsistemi mobbli, kif ipprovdut fl-Artikoli 20 sa 26 tad-Direttiva (UE) 2016/797, inklużi l-kontrolli qabel l-ewwel użu tal-vetturi awtorizzati msemmija fl-Artikoli 4(3)(i) u 23 ta' dik id-Direttiva.

([1]) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.)

Artikolu 5

Objettivi speċifiċi applikabbli għad-WAG TSI

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21(16) tad-Direttiva (UE) 2016/797, ir-Regolament (UE) Nru 321/2013 ("WAG TSI") għandu jinkludi l-vetturi li jridu jiġu awtorizzati u mħaddma fuq netwerks ferrovjarji fl-Unjoni b'wisa' ta' 1 520 mm bejn il-linji.

2. Id-dispożizzjonijiet tad-WAG TSI dwar is-sistemi awtomatiċi ta' wisa' varjabbli bejn il-linji, inkluż f'termini ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, għandhom jiġu riveduti.

3. Id-WAG TSI għandu jinkludi dispożizzjonijiet biex jiżdiedu l-flessibilità u l-effiċjenza fil-kompożizzjoni tal-ferroviji u l-iżvilupp tat-trasport intermodali. Id-dispożizzjonijiet dwar it-tqabbid awtomatiku għandhom ikunu inklużi fejn xieraq.

4. Id-WAG TSI għandu jiżgura l-konsistenza u jevita kwalunkwe koinċidenza mar-Regolamenti dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikoluż bil-Ferrovija ("RID") f'dak li jirrigwarda r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-vetturi. L-inklużjoni ta' funzjoni ta' detezzjoni ta' deraljament għandha tkun ikkunsidrata f'termini ta' rekwiżiti tekniċi, aspetti operattivi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

5. Id-WAG TSI għandu jinkludi rekwiżiti li jtejbu l-identifikazzjoni tal-vaguni tal-merkanzija. L-użu ta' teknoloġiji mingħajr kuntatt u standards relatati għandhom ikunu inklużi fejn xieraq.

6. Id-WAG TSI għandu jqis il-bidliet fil-proċedura għat-tqegħid fis-suq ta' subsistemi mobbli, kif ipprovdut fl-Artikoli 20 sa 26 tad-Direttiva (UE) 2016/797, inklużi l-kontrolli qabel l-ewwel użu tal-vetturi awtorizzati msemmija fl-Artikoli 4(3)(i) u 23 ta' dik id-Direttiva.

Artikolu 6

Objettivi speċifiċi applikabbli għall-NOI TSI

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1304/2014 ("NOI TSI") għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jindirizzaw b'mod effettiv il-ħoss tal-merkanzija billi l-vaguni tal-merkanzija eżistenti jiġu mgħammra bi blokok tal-brejk komposti, jew permezz ta' soluzzjonijiet xierqa oħrajn.

2. Proċedura għall-ittestjar tal-prestazzjoni akustika ta' blokok tal-brejk komposti għandha tkun inkluża fl-NOI TSI. Għandu jiġi permess l-użu ta' blokok tal-brejk komposti msemmija fl-Appendiċi G għar-Regolament (UE) Nru 321/2013. Fejn ikun meħtieġ, jista' jsir ittestjar ulterjuri permezz ta' monitoraġġ tul il-binarji jew test akustiku tal-blokok tal-brejk komposti permezz ta' test qabel l-użu.

Artikolu 7

Objettivi speċifiċi applikabbli għas-CCS TSI

1. Ir-Regolament (UE) 2016/919 ("CCS TSI") għandu jiġi rivedut sabiex jissimplifika l-proċedura għall-aġġornament tal-linja bażi teknika tiegħu skont it-Talbiet ta' Tibdil stabbiliti permezz tal-proċedura ta' Gestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil tas-CCS TSI.

2. Is-CCS TSI għandu jkun rivedut sabiex jipprovdi użu koerenti tal-ERTMS tul in-netwerk ferrovjarju fl-Unjoni. Arkitetturi sempliċi abbord u numru mnaqqas ta' verżjonijiet ta' softwer għandhom ikunu mmirati għal użu kosteffikaċi.

3. Is-CCS TSI għandu jimmodifika l-ispeċifikazzjonijiet tal-ETCS u tal-GSM-R waqt li jqis analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji fir-rigward ta' proġetti ġodda u investimenti fil-passat. Għandu jinkludi kemm oqfsa regolatorji tekniċi kif ukoll ta' migrazzjoni għall-indirizzar tal-elementi teknoloġiċi identifikati fir-Rapport ta' Perspettiva Aktar fit-Tul tal-ERTMS.

4. Is-CCS TSI għandu jipprovdi mekkaniżmu għal korrezzjoni ta' żbalji rapida li jqis il-kompatibbiltà bejn is-subsistemi tul il-binarji u dawk abbord. Dak il-mekkaniżmu għandu jinkludi miżuri korrettivi li jiżguraw il-kompatibbiltà tal-implimentazzjoni tal-ERTMS mingħajr ma jipperikola l-istabilità tal-ERTMS. Miżuri addizzjonali li jiżguraw il-kompatibbiltà teknika bejn is-subsistemi tul il-binarji u dawk abbord għandhom jiġu inklużi fejn xieraq.

5. Is-CCS TSI għandu jippermetti l-migrazzjoni ta' teknoloġiji li jistgħu jintużaw kemm mis-subsistema tul il-binarji kif ukoll minn dik abbord, minn GSM-R għal sistema ta' komunikazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss, waqt li jqis il-bilanċ bejn l-istandards speċifiċi għall-ferroviji u dawk ġenerali tat-telekomunikazzjoni.

Artikolu 8

Objettivi speċifiċi applikabbli għall-ENE TSI

Ir-Regolament (UE) Nru 1301/2014 ("ENE TSI") se jkun rivedut fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-operazzjoni simultanja ta' pantografi multipli f'kuntatt ma' linji ta' kuntatt sospiżi li jirriżultaw mill-użu ta' lokomotivi mqabbda u unitajiet multipli. Kwistjonijiet operazzjonali relatati għandhom ikunu inklużi wkoll fejn xieraq.

Artikolu 9

Objettivi speċifiċi applikabbli għall-INF TSI

1. Dispożizzjonijiet li jiżguraw interoperabbiltà kontinwa fis-subsistema u, fejn xieraq, ma' subsistemi oħrajn, filwaqt li jippermettu għat-tnaqqis ta' spejjeż ta' manutenzjoni tal-infrastruttura permezz tal-użu ta' manutenzjoni bbażata fuq iż-żmien, sensers u teknoloġiji li jimmonitorjaw il-kundizzjoni, b'mod partikolari, għandhom jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 1299/2014 ("INF TSI").

2. L-INF TSI għandu jinkludi dispożizzjonijiet dwar is-sistemi awtomatiċi ta' wisa' varjabbli bejn il-linji, inkluż f'termini ta' speċifikazzjonijiet tekniċi u proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità.

Artikolu 10

Objettivi speċifiċi applikabbli għall-PRM TSI

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1300/2014 ("PRM TSI") għandu jkun rivedut sabiex jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar l-inventarju tal-assi msemmi fl-Artikolu 7 ta' dak ir-Regolament.

Għandu jinkludi dispożizzjonijiet relatati man-nomina tal-entitajiet responsabbli mill-provvediment tad-data relatata u dispożizzjonijiet li jistabbilixxu skeda ta' żmien għall-istabbiliment tal-inventarju tal-assi mill-Istati Membri.

Dawk id-dispożizzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament u fuq l-aħjar prattiki li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-inventarji tal-assi stabbiliti minn kull Stat Membru.

2. Il-PRM TSI għandu jiddefinixxi prijoritajiet u kriterji komuni sabiex tkompli titjieb l-aċċessibilità għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa bbażati fuq il-ħarsa ġenerali komparattiva tal-istrateġiji li jinsabu fil-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 1300/2014.

Dawk il-prijoritajiet u kriterji għandhom iqisu l-aħjar prattiki li jirriżultaw mill-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet.

3. Il-PRM TSI għandu jipprovdi definizzjoni ċara ta' siġġijiet tar-roti manwali u elettriċi u r-rekwiżiti applikabbli għal siġġijiet tar-roti elettriċi innovattivi biex jaċċessaw il-ferroviji tal-passiġġieri b'mod sigur.

Artikolu 11

Objettivi speċifiċi applikabbli għall-OPE TSI

1. Id-Deċiżjoni 2012/757/UE ("OPE TSI") għandha tiddefinixxi prinċipji operazzjonali fundamentali u regoli operazzjonali komuni sabiex tippermetti t-tnaqqis tan-numru ta' regoli nazzjonali.

2. L-OPE TSI għandha tinkludi dispożizzjonijiet sabiex tiżgura l-kompatibbiltà bejn il-ferroviji kompluti u r-rotot li fuqhom iridu jitħaddmu.

3. L-OPE TSI għandha tqis l-iżvilupp ta' metodi u protokolli ta' komunikazzjoni standardizzati, kif ukoll sistemi ta' skambju ta' data standardizzati.

4. L-OPE TSI għandha tqis l-iżviluppi tar-reġistri msemmija fl-Artikoli 47, 48 u 49 tad-Direttiva (UE) 2016/797.

5. L-OPE TSI għandha tiddefinixxi l-ambitu tal-punti miftuħa għall-operazzjonijiet u tiddistingwi bejn regoli nazzjonali applikabbli u regoli li jeħtieġu l-armonizzazzjoni permezz tal-liġi tal-Unjoni sabiex jippermettu l-migrazzjoni għal sistemi interoperabbli li tiddefinixxi l-livell ottimali ta' armonizzazzjoni teknika.

6. L-OPE TSI għandha tipprevedi l-iżvilupp ta' rabtiet koerenti mar-rekwiżiti operazzjonali tas-sistemi ta' ġestjoni tas-sikurezza tal-maniġers tal-infrastruttura u tal-impriżi ferrovjarji. Dan għandu jinkludi l-iżgurar li l-kultura tas-sikurezza u l-fatturi umani jiġu kkunsidrati b'mod adegwat.

7. Fejn xieraq, l-OPE TSI għandha tiddefinixxi ħiliet u kwalifiki għall-persunal kollu li jwettaq kompiti kritiċi għas-sigurtà li mhumiex koperti f'leġiżlazzjonijiet rilevanti oħrajn.

Artikolu 12

Objettivi speċifiċi applikabbli għall-STR TSI

1. Ir-rekwiżiti operazzjonali tar-Regolament (UE) Nru 1303/2014 ("SRT TSI") għandhom jiġu riveduti fid-dawl tal-armonizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-kapaċità ta' evakwazzjoni, pereżempju fir-rigward tad-distanza bejn żewġ punti ta' ħruġ laterali jew vertikali.

2. Dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni bejn il-persunal abbord minn naħa u l-maniġer tal-infrastruttura u s-servizzi tal-emerġenza min-naħa l-oħra għandhom jiġu inklużi fejn xieraq.

Artikolu 13

Objettivi speċifiċi applikabbli għat-TAF TSI

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2014 ("TAF TSI") għandu jiġi rivedut sabiex jissimplifika l-proċedura għall-aġġornament tal-linja bażika teknika tiegħu skont il-proċedura ta' Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil tat-TAF TSI imsemmija fit-Taqsima 7.2 tal-Anness għal dak ir-Regolament.

2. Il-kontenut u l-istruttura tal-messaġġi definiti fit-TAF TSI fir-rigward tal-iskambju ta' vaguni u l-kompożizzjoni tal-ferroviji għandhom jiġu riveduti u, fejn xieraq, jiġu simplifikati.

3. Il-kontenut u l-istruttura tal-messaġġi definiti fit-TAF TSI fir-rigward tat-trasport ikkombinat jew multimodali għandhom jiġu riveduti u, fejn ma jkunux disponibbli, għandhom jiġu żviluppati sabiex jiffaċilitaw il-loġistika u l-operazzjonijiet.

4. Fejn xieraq, it-TAF TSI għandu jinkludi data li għandha tiġi skambjata ma' applikazzjonijiet relatati mas-sikurezza.

5. Il-konnessjonijiet bejn il-bażijiet tad-dejta tat-TAF TSI u l-għodod użati sabiex tittejjeb il-prestazzjoni tal-merkanzija ferrovjarja għandhom ikunu riveduti.

6. It-TSI għandu jippermetti lill-Aġenzija tevalwa l-konformità tal-għodod tal-IT użati mis-settur ferrovjarju Ewropew mar-rekwiżiti tat-TSI.

7. It-TAF TSI ma għandux jimponi rekwiżiti fuq l-impriżi ferrovjarji, li jistgħu jikkostitwixxu ostaklu għad-diġitalizzazzjoni tal-ferroviji.

Artikolu 14

Objettivi speċifiċi applikabbli għat-TAP TSI

1. Ir-Regolament (UE) Nru 454/2011 ("TAP TSI") għandu jiġi rivedut sabiex jissimplifika l-proċedura għall-aġġornament tal-linja bażi teknika tiegħu skont il-proċedura ta' Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil tat-TAP TSI imsemmija fit-Taqsima 7.5.2 tal-Anness għal dak ir-Regolament.

2. L-ambitu ġeografiku tat-TAP TSI għandu jkun l-ambitu ġeografiku tat-TAF TSI.

3. Fejn xieraq, it-TAP TSI għandu jqis ir-rekwiżit essenzjali "Aċċessibilità" kif definit fil-punt 1.6 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/797.

4. It-TAP TSI għandu jqis ir-reviżjoni tat-TSI PRM, b'mod partikolari fir-rigward tal-Inventarji tal-Assi u, fejn xieraq, l-inizjattiva Mudell ta' Servizz Sħiħ immexxija mill-industrija.

5. It-TAP TSI għandu jiddefinixxi s-sehem tal-kompiti relatati mal-ġestjoni ta' strutturi ċentralizzati ta' data biex iqis il-kompiti u r-responsabbiltajiet ġodda tal-Aġenzija u tal-korp ta' governanza stabbilit mis-settur bl-objettiv li titħaffef l-implimentazzjoni tat-TAP TSI.

6. It-TAP TSI għandu jimmira li jiffaċilita l-feġġa ta' sistemi ta' bejgħ ta' biljetti globali, bejgħ ta' biljetti integrat u ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali u sistemi ta' riservazzjoni.

7. It-TAP TSI għandu jippermetti lill-Aġenzija tevalwa l-konformità tal-għodod tal-IT użati mis-settur ferrovjarju Ewropew mar-rekwiżiti tat-TSI.

Artikolu 15

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER